**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 15 – IT-TLIETA, 15 TA’ SETTEMBRU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson (6.30pm) |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 14**

1.1 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-Minuti 14**

2.1 Rigward paragrafu 2.1 ġie innutat li l-parking bays tat-Toroq Fjamma u Pitiross saru.

2.2 Rigward paragrafu 2.3 ġie innutat li d-dawl fiż-zebra crossing ta' Triq Birkirkara għadu mitfi.

2.3 Rigward paragrafu 3.1 il-Kumitat innota r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn il-Kumitat ġie nfurmat li l-pulizija ma sabu ebda evidenza li fi Ġnien G. M. Camilleri qed ikun hemm abbuż tad-droga. Dan minkejja allegazzjoni ta' resident bil-kontra.

2.4 Rigward paragrafu 4.1 ġie innutat li l-bozza fi Triq Birkirkara ġiet irranġata.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward laqgħa li saret fl-20 ta' Awwissu 2015 mas-Sur Ray Zammit li hu l-Kap tal-Aġenzija tas-Sigurtà. Din il-laqgħa attendew għaliha s-Sur Stefan Bonello Ghio u s-Sur Alfred Mangion. Din il-laqgħa

kienet waħda pożittiva fejn ġie diskuss il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Antonio Schembri meta jkunu deħlin u ħerġin l-istudenti mill-iskola taċ-Chiswisk House School. Kien hemm qbil verbali biex l-aġenzija tipprovdi wardens fuq bażi temporanja għal din it-triq. L-iskola taċ-Chiswisk għandha tiġi mħeġġa biex tipparteċipa fl-ingaġġ ta' dawn il-wardens fuq bażi permanenti.

Dr Frank Bartolo daħal għal-laqgħa fis-6.30pm.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward laqgħa li saret fit-3 ta' Settembru 2015 mal-Managment taċ-Chiswisk House School. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-iskola bagħtet email lill-ġenituri biex dawn ikunu prudenti meta jwasslu u jiġu għat-tfal tagħhom. L-iskola huma lesti li jiffinanzjaw parti mill-ispiża biex ikun hemm warden f'dawn il-ħinijiet. Kien hemm diskussjoni fuq il-problema li jsir ipparkjar fuq il-bankina. Ġie deċiż li jitwaħħlu 4 U Bollards bil-kliem Kumitat Amministrattiv Kappara. Kien hemm qbil unanimu.

3.3 Il-Kumitat innota li minkejja li l-purchase order ilha li ntbagħtet 3 xhur ilu, il-kuntrattur għadu ma pprovdiex mappa għal-locality map u lanqas attenda għal-laqgħa li kellu mal-Kumitat. Għal din ir-raġuni ġie deċiż li tiġi kkanċellata din il-purchase order, u jinxtraw żewġ notice boards minn stima li inġabret qabel.

3.4 Il-Kumitat ġie nfurmat li x-xogħol fil-Ġnien G. M. Camilleri hu għaddej u x-xogħol qed jiġi mmoniterjat.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward siġra fi Triq tas-Sliema. Il-KNPD qed titlob biex din is-siġra titneħħa minħabba nuqqas ta' aċċess. Il-Kumitat innota li ftit 'il fuq hemm problema simili minħabba bini maħruġ il-barra u għalhekk xorta ser ikun hemm problema ta' aċċess fuq il-bankina. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-ġardinar u jara jekk jistax isir intervent mingħajr ma tintilef is-siġra.

4.2 Għadu jsir rapport fuq wires maqlugħin fi Triq Birkirkara, rapport lid-Dipartiment tas-Saħħa fuq boroż tas-Sundown Hotel u sit tal-kostruzzjoni fi Triq tas-Sliema.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.25pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |